MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 67/1998/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**J.T.E. Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Gunju, 1998 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar 1998 fejn talab il-hlas ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85.00), premess illi s-socjeta' konvenuta kienet l-ahjar offerent

f'bejgh b'irkant tad-Dwana. Dawn ma osservawx il-kundizzjonijiet li dahlu ghalihom billi ma hallsux l-ammont dovut kif stipulat. Ghalhekk ghandhom ihallsu bhala penali 10% tal-valur ta' l-oggett u dan billi naqsu li jhallsu l-oggett u ma irtirawhx.

Ra r-risposta b'kontrotalba tas-socjeta' konvenuta prezentata fis-16 ta' Marzu, 1998, fejn gie eccepit fl-ewwel lok li dan it-Tribunal m'ghandux jisma' din it-talba peress illi din it-talba diga ghaddiet in gudikat permezz ta' sentenza ta' dan it-tribunal ta' l-10 ta' Novembru, 1997 a bazi tad-disposizzjonijiet generali tad-dritt taghna u ta' l-Artikolu 10 (4) ta' l-Att V ta' l-1995. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' l-attur hija bla bazi fid-dritt u fil-fatt.

Illi fil-kontrotalba is-socjeta' konvenuta qed tghid li nkorriet spejjez ta' erbghin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm40.95) fil-proceduri li ntemmu bis-sentenza msemmija ta' l-10 ta' Novembru, 1997, liema spejjez, l-attur, debitament interpellat, ma hallasx. Inoltre inghad li t-talba ta' l-attur hija frivola u vessatorja u ghalhekk, ghandu jigi kkundannat skond l-Artikolu 10 (3) ta' l-Att precitat.

Illi b'risposta ghall-kontrotalba prezentata fl-24 ta' Marzu, 1998, l-attur qal illi ma deher hadd mill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali ghaliex ma gewx notifikati skond l-Artikolu 181B (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u

Illi it-Tribunal irrigetta t-talba tad-Dipartiment ghaliex ma deher hadd u mhux fuq il-meritu ghalhekk ma hemmx l-Awtorita` tar-"res judicata";

Ghalhekk il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta hija rritwali u nulla billi ma tincidix fuq it-talba ta' l-attur.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentata mis-socjeta' konvenuta fl-24 ta' April, 1998, u n-nota responsiva ta' l-attur pprezentata fil-15 ta' Mejju, 1998.

Ra r-rikors tas-socjeta' konvenuta prezentat fis-26 ta' Mejju, 1998, fejn intalab l-isfilz tal-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tan-nota responsiva ta' l-attur.

Jigi rilevat fl-ewwel lok, dwar ir-rikors imsemmi, illi t-Tribunal hu tal-fehma li l-argumentazzjoni migjuba fl-imsemmija nota responsiva ta' l-attur hija argumentazzjoni valida fil-Ligi, u b'ebda mod ma tirrispekkja xi skorrettezza jew nuqqas ta' legalta`. Il-frazi ilmentata setghet facilment tpoggiet f'termini aktar accettabbli, pero' fl-istess waqt it-Tribunal ma jirriskontrax dawk l-estremi sabiex jordna l-isfilz ta' l-istess. Ghaldaqstant it-tribunal qed jichad it-talba maghmula fir-rikors tas-16 ta' Mejju, 1998, ghall-isfilz tal-paragrafu imsemmi.

Jigi rilevat inoltre illi din id-decizjoni qed tigi limitata biss dwar l-eccezzjoni. Fil-preliminari tar-"res judicata". It-Tribunal jirrileva illi gja kien hemm decizjoni fil-kawza fl-istess ismijiet deciza minn dan it-Tribunal fl-10 ta' Novembru, 1997. Fil-fatt il-punt sollevat jirrigwarda principalment l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 (a) ta' l-Att V ta' l-1995, u ghaldaqstant it-Tribunal hass in-necessita` li l-partijiet jissottomettu noti fir-rigward.

L-Artikolu 13 ta' l-Att V ta' l-1995 jiddisponi illi:

"Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smiegh tal-kawza, il-Gudikatur ghandu jiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f'dik id-data ohra"

(a) il-parti li tkun ghamlet it-talba tonqos li tidher, il-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba;

(b) il-konvenut jonqos li jidher, il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut."

L-idea wara l-Artikolu 13 (b) kienet definittivament sabiex tipprovdi li t-tribunal jaqta' l-kawza meta parti tkun kontumaci. Hu f'dak il-kaz hemm stipulat li t-Tribunal ghandu jisma' l-provi u wara jiddeciedi, cioe' t-Tribunal jaqta' wara li jkun ha konjizzjoni tal-meritu.

Fil-kaz ta’ l-Artikolu 13 (a) jekk l-attur ma jidhirx il-Gudikatur jiddiferixxi ghall-gurnata ohra u jekk f’dik id-data jerga’ ma jidhirx ghandu jirrigetta t-talba. F’dan il-kaz it-Tribunal lanqas biss ma jkun dahal fil-meritu tal-kaz. L-attur qed jissottometti illi tali ghandha n-natura ta’ liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, u in kwantu wiehed ma dahalx fil-meritu ma tikkostitwix “res judicata”.

Wiehed irid izomm dejjem quddiem ghajnejh illi dan it-tribunal ghandu jezamina u jaqta’ l-kazijiet li jingiebu quddiemu minghajr dewmien, b’mod imparzjali u b’ekwita` skond il-Ligi (Artikolu 6 ta’ l-Att V), u ma hemmx dubbju li l-Artikolu 13 hu proprju intiz sabiex ma jkunx hemm dewmien inutili.

Issa, ghandu jinghad li l-eccezzjoni tar-“res judicata” taghmel sens biss meta l-elementi f’kawza ikunu l-istess bhal dawk ta’ kawza li giet deciza u ghaddiet in gudikat. Cioe` iridu jikkonkorru t-tlett elementi, “cioe` l-istess persuni, l-istess oggett, u l-istess kawzali ... ... “eadem personae, eadem res, eadem causa petendi”. (Aquilina vs Gasan 5-11-1934, Vol XXIX-I-1155; u Debattista vs Farrugia Vol. XLII-II-917)

Jinghad ukoll li l-eccezzjoni ta’ “res judicata” hija ta’ interpretazzjoni strettissima u trid tirrizulta cara u evidenti. (Dr Jose` Herrera noe –vs- Anthony Cassar et noe – dec – 05.10.1992 Appell Kummercjali – Vol. LXXVI-II-489).

Fil-kaz in ezami fil-kawza originali fl-istess ismijiet deciza fl-10 ta’ Novembru 1997, minn dan it-Tribunal kien gie applikat l-Artikolu 13 (a) ta’ l-Att V ta’ l-1995, u kien a bazi ta’ dan biss li l-kawza giet deciza, u dana minhabba li l-attur ma kienx deher.

Punt sollevat mill-konvenut jirrigwarda l-kliem uzati fil-ligi, cioe’ l-kelma “tirrigetta t-talba”. Dawn il-kliem iridu necessarjament jigu interpretati fis-sinifikat komuni taghhom, u ma jistghux hlief ifissru illi t-Tribunal qed jiddeciedi l-kawza meta l-attur ma jidhirx. Ma hemmx lok li t-Tribunal jiddipartixxi mit-tifsira stretta tal-kliem tal-Ligi.

Jinghad li kien ikun differenti l-kaz quddiem il-Qrati Ordinarji, fejn il-gudikat jinnecessita li jkun gie determinat il-meritu. (Carmelo Grech noe vs Francis Lepre – dec 14 ta’ Marzu, 1966 – Vol. L-I-128). In-nuqqas ta’ deherha ta’ l-attur hija fil-fatt kontumacja da parti tieghu, u l-Artikolu 13 (a) ghandu jigi interpretat f’dan is-sens.

It-Tribunal hu marbut li jiddeciedi b’sommarjeta` u bi speditezza. Tant il-Ligi kienet intiza li tahseb ghal dan, li hasbet ghal dawk l-eventwalitajiet li jistghu jikkrejaw dewmien, tant li mhux biss stipulat espressament x’ghandu jaghmel it-tribunal f’assenza ta’ parti jew ohra, izda hasbet ukoll li kawza li tigi ceduta ma tigix riproposta. Hekk l-Artikolu 8 ta’ l-Avviz Legali 145 ta’ l-1995 jipprovdi fis-sub-inciz (2) li:-

“Parti li ccedi talba jew kontro-talba ma tistax iktar ‘il quddiem tkompli ghaddejja bihom jew terga’ tipprezenta xi talba ohra dwar dik l-istess talba jew kontro-talba”.

It-Tribunal hu tal-fehma li kawza li giet deciza a tenur ta’ l-Artikolu 13 (a) ma tistax tigi riproposta, mhux biss ghax il-kliem tal-Ligi huma f’dak is-sens, izda wkoll minhabba l-fatt illi r-riproponiment imur kontra n-natura u l-iskop li ghalih inholoq it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ l-eccezzjoni ta’ “red judicata” sollevata mis-socjeta’ konvenuta, u jordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh dwar il-kontrotalba.

Fic-cirkostanzi specjali ta’ dan il-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Mid-decizjoni tat-Tribunal tas-16 ta’ Gunju 1998 l-attur Kontrollur tad-Dwana qanqal dawn l-obbjezzjonijiet fl-appell tieghu minn din is-sentenza:-

i. L-eccezzjoni tar-‘res judicata’ ma kelliex tigi akkolta in kwantu r-rigettazzjoni tat-talba tieghu fid-decizjoni tal-10 ta’ Novembru 1997 fil-kawza bejn l-istess partijiet ma kelliex tigi interpretata bhala gudikat izda bhala mera

liberazzjoni “ab observantia”. Sitwazzjoni din, skond l-appellant, li ma kienetx tippregudikah jerga’ jirriproponi l-istess talba b’azzjoni separata, anke ghaliex dik id-decizjoni ma dderimietx il-meritu;
ii. In-normi relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni jakkordawlu access ampju ghall-organu tal-gustizzja fuq il-meritu.

Ghal dawn l-aggravji s-socjeta’ konvenuta wiegbet fl-ewwel lok illi dina l-Qorti ghandha tinvesti jekk l-appell intavolat kienx ammissibbli a norma ta’ l-Artikolu 8 (2) ta’ l-Att Numru V ta’ l-1995 li holoq it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Dan l-Artikolu jipprovdi li jista’ jsir appell minn decizjoni tat-Tribunal biss:-

(a) Fuq kull haga li jkollha x’taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
(b) Fuq kull kwistjoni tal-preskrizzjoni;
(c) Fuq kull nuqqas ta’ tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 tal-artikolu 7; u
(d) Meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ imparzjalita` u ta’ ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat l-jeddijiet ta’ min jappella.

Indubbjament fil-kaz in ezami l-uniku sub-artikolu li kapaci jinkwadra ruhu ghal konsiderazzjonijiet tal-kwestjoni ventilata mis-socjeta’ appellata huwa dak (d) suespress.

Huwa car li ma jista’ jkun hemm l-ebda accenn ta’ rifless fuq l-imparzjalita` tat-Tribunal, u difatti mkien ma nsibu espressjoni ta’ opinjoni illi t-Tribunal ma mexiex b’mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri.

Biex allura l-Qorti tqis bhala ammissibbli l-appell “jehtiegilha tiddetermina jekk l-aggravju principali, kif dedott, kienx jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv” – “**Stephen Chetcuti et –vs- Cycle World Limited**”, Appell, 12 ta’ Jannar 2001.

Skond l-appellanti, t-Tribunal ma afferrax il-kuncett guridiku tar-res judicata u ghalhekk ghamel enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi fl-interpretazzjoni li ta lill-Artikolu 13 (1) ta' l-Att imsemmi.

Il-principji legali enuncjati mill-appellant ghal dawk li huma elementi tar-res judicata huma sostanzjalment korretti. Huwa pacifiku illi dawn l-elementi tal-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eadem personam, eadem res, eadem petendi) bhal fil-kawza l-gdida.

Fil-kaz de quo dawn l-elementi kollha jissussistu u dan hu sahansitra rikonoxxut u accettat mis-socjeta' appellata. Ciononostante, l-appellanti jsostni illi fil-kawza l-ohra l-meritu ma giex investigat u r-rigett tat-talba tieghu ma jaghtix lok ghas-sostenn tal-eccezzjoni tal-"exceptio iudicati".

"*Intqal tajjeb illi "l'eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto*" (Coen, Cosa Giudicate (materia civile) no. 145) … … Jghid il Mattirolo (Diritto Giudiziario Civile, Vol V, para 28), "*sta soltanto nel dispositivo; onde e' principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte dispositiva della sentenza, non nei motivi*" – "**Caterina Gerada –vs- Avukat Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958.

Jinsab ritenut ukoll illi "*l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, u ma giex diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-'causa petendi'* " - "**Carmelo Bonello –vs- Onor. Edgar Cuschieri noe**", Appell Civili, 6 ta' Marzu 1950; "**Joseph Vella –vs- Emmanuel Falzon**", Appell, 25 ta' Frar 1997.

Dan stabbilit bhala konsiderazzjoni tal-materja, l-Artikolu 13 ta' l-Att V ta' l-1995 jipprovdi illi (a) jekk il-parti li tkun

ghamlet it-talba tonqos li tidher, il-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba.

Minn dan jidher li ma hemm l-ebda eccezzjoni ghal din ir-regola u s-sanzjoni terminali li ggib maghha, kif hekk iggib fil-kaz tal-konvenut fl-ipotesi prevvista taht il-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu. L-uniku obbligu mpost mil-ligi fuq il-Gudikatur hu dak li meta tonqos l-attendenza fizika tal-parti ghas-smiegh huwa jiddiferixxi l-kawza ghal data ohra. Hi "*f'*dik id-data ohra" li jekk l-attur jerga' jonqos li jidher il-Gudikatur jirrigetta t-talba tieghu.

Jinhass ovvju minn dan dedott illi l-kontestazzjoni personali hi rilevanti biex tiffacilita' s-sommarjeta` fis-smiegh tal-proceduri. ("**Emanuel Caruana ghan-nom u in rapprezentanza tat-Tabib Principali tal-Gvern –vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru 1996)

Issa id-dicitura tal-Artikolu 13 mhiex wahda singolari ghal dak l-Att in kwantu provvediment konsimili insibuh fl-Artikolu 33 tal-Kap 69 li jitratta mill-att dwar it-Tigdid tal-Kiri tal-Bini.

Hawn ukoll jinghad illi "jekk ir-r-rikorrent ma jidherx ghas-smiegh tar-rikors, il-Bord <u>jirrigetta t-talba</u> u jordna li l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent." Din is-sitwazzjoni tista' tavvera ruhha sahansitra fl-ewwel appuntament. Ir-rikorrent imbaghad jista', skond kif espress fil-proviso ta' dan l-istess dispost tal-ligi, zmien sitt ijiem jitlob permezz ta' rikors li t-talba tieghu tigi mismugha mill-gdid, kemm il-darba hu jissodisfa lill-Bord bir-raguni li jaghti talli jkun naqas li jidher.

Fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Grech nomine –vs Francis Lepre**", Appell, 14 ta' Marzu 1966, fejn proprju kienet giet sollevata l-eccezzjoni tar-"res judicata" ghas-sitwazzjoni fejn fil-kawza antecedenti kien gie applikat il-precitat Artikolu 33, dik il-Qorti hekk ikkummentat:-

"*Nonostante li l-legislatur kellu l-mudell tal-Kodici ta' Procedura Civili quddiemu kieku ried isegwih, hu ghazel li*

*jipprocedi differentement. Ovvjament, kif ga rrileva l-Bord fid-decizjoni elaborata tieghu, hemm differenza ta' sustanza bejn id-disposizzjonijiet ta' l-Art 197* (illum Art 199) *tal-Kodici ta' Procedura Civili li titkellem fuq "kancellment tal-kawza mil-lista" u "liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, u d-disposizzjoni ta' l-imsemmi Art 34 (illum 33) tal-Kap 109 (illum Kap 69) hawn fuq riportata. Huwa veru li xi drabi hu permess li l-Qorti tiddipartixxi mis-sinjifikat primarju jew letterali tal-kliem tal-ligi, izda dan jista' jsir kemm il-darba l-kliem tal-ligi ma jkunx talment car illi jgieghel lill-Qorti taghtih effett. Fil-kaz prezenti l-kliem "jirrigetta t-talba" ma jaghti ebda opportunita` lill-Qorti li titbieghed minn dak li jghid testwalment*".

F'din l-istess decizjoni l-Qorti issoktat tosserva illi allura "*r-rigett tat-talba jsir gudikat. Il-ligi setghet, kieku riedet iddisponiet xort'ohra, izda dan ma ghamlitux".* Kompa jigi ritenut, b'applikazzjoni tal-enuncjazzjoni fid-decizjoni "**Galea –vs- Agius**" (Appell Civili 23 ta' Marzu 1962), illi d-disposizzjoni ta' l-Art 33 hu evidentement ibbazat fuq il-presunzjoni illi n-nuqqas ta' dehra jfisser abbandun tad-domanda, abbandun mhux biss ta' l-atti jew tal-gudizzju izda abbandun ta' l-azzjoni nnifisha.

Dik il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza li kienet laqghet l-eccezzjoni tal-gudikat.

Il-kaz hawn trattat hu konsimili ghal dak tad-decizjoni ezaminata hawn fuq u ghalhekk l-istess ragunijiet fiha adottati ghandhom "mutatis mutandis" japplikaw ukoll ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, in kwantu dawn huma msejsa fuq aspetti guridici valevoli.

Kwantu ghat-tieni aggravju avanzat mill-appellant b'mod kwazi accidentali u sussidjarju jinghad mill-ewwel, a skans ta' ekwivoci, illi huwa tassew impensabbli li l-Awtorita` Governattiva tallega li disposizzjoni partikolari ta' xi Att donnu jcahhadha minn dritt fondamentali. Huwa dubbjuz ukoll kemm din l-istess Awtorita` governattiva ghandha interess legittimu li tqajjem ksur ta' dan l-istess dritt fundamentali.

Del resto, imbaghad, id-decizjoni moghtija la kienet tikser id-dritt ordinarju u lanqas dak fundamentali tal-appellanti ghal smiegh xieraq minn Qorti imparzjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-inosservanza tal-ligijiet minn xi parti f'kawza ma jintitolahiex 'per se' u ghall-istess 'non kuranza' taghha ghar-rimedju kostituzzjonali jew dak taht il-konvenzjoni. Multo magis, imbaghad, fejn il-parti tkun naqqset milli opportunement tapprofitta ruhha minn rimedji procedurali ohra li l-ligi takkordalha. F'cirkostanzi bhal dawn huwa ferm logiku li jinghad illi ghan-nuqqas tad-debita osservanza tal-proprjeta` procedurali, "imputet sibi".

Barra minn dan dejjem fil-kuntest u mill-mod kif formulat l-aggravju jezisti dubju jekk l-appellant kienx qieghed fil-verita` jitlob ridress ta' natura Kostituzzjonali jew konvenzjonali. F'kull kaz il-Qorti tqis li l-appellant ghandu javanza l-ilment tieghu in sede proprja.

L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostenut u l-Qorti ma tarax li kien hemm lezjoni tad-dritt ekwitattiv b'xi mod ippregudika lill-attur appellant.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------